MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 16/2010

**Martin Delia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**L-Arbitru

Ra l-appell

Ra r-risposta

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkunsidera

> Issir riferenza ghall-decizjoni moghtija fil-kaz numru 171/10 llum stess u tigi addottata ghal dan il-kaz ukoll.
>
> L-appell qed jigi michud.**”**

L-appellanti Martin Delia jqanqal dawn l-obbjezzjonijiet fil-kontestazzjoni tad-decizjoni ta’ l-Arbitru:-

1. Fl-ewwel lok, kif jirrizulta mill-Karta ta’ l-Identita` tieghu hu kien, u hekk baqa’, jghix fil-fond “Farmhouse”, Vjal Santa Lucija, Rahal Gdid;

2. Is-sistemazzjoni minn martu f’dak il-fond, wara s-separazzjoni, kienet wahda temporanja u ma jfisserx, allura, illi sehhet konvivenza maritali mill-gdid;

*Ex facie* l-inkartament jirrizultaw dawn il-fatti:-

1. L-appellanti u martu kienu sseparaw konsenswalment b’kuntratt tal-11 ta’ Gunju 1998 in atti Nutar Nicholas Vella. *Inter alia,* hu provvdut f’dan l-istess kuntratt illi l-mara kellha tkompli tirrisjedi fid-dar matrimonjali Numru 17 Burial Street, Paola flimkien mat-tliet ulied minuri. Jirrizulta li dan il-fond kien tenut b’lokazzjoni;

2. Fit-28 ta’ Mejju 2007 l-appellanti applika ghall-Ghajnuna ghall-Mard (SKA) u pprovda fuq l-appozitu formula l-indirizz residenjali Numru 23 (gja Numru 17) Triq ic-Cimiterju, Paola;

3. Mir-rapport Investigattiv ta’ l-4 ta’ Dicembru, 2009 rrizulta li l-appellanti ma kienx qed joqghod fil-fond minnu indikat fil-formula ta’ l-applikazzjoni u li, anzi, dak il-fond inbigh lit-terzi minn Carmela Portelli, bint l-istess appellanti, b’kuntratt tas-26 ta’ Lulju, 2006, atti Nutar Malcolm Mangion;

4. Fid-19 ta' Jannar 2010 d-Direttur baghat javza lill-appellanti illi hu kien thallas biz-zejjed is-somma ta' €2829.71 ghall-perijodu bejn it-2 ta' Gunju, 2007 u d-29 ta' Jannar 2010. Dan bil-motiv illi l-istess Direttur ma kienx sodisfatt illi l-appellanti kien qed jifforma familja ghal rasu u/jew li qed jabita fl-indirizz minnu moghti;

5. Mill-atti jirrizultaw zewg dikjarazzjonijiet guramentati ta' l-appellanti, ossija li kien biss fil-15 ta' Settembru 2009 illi hu offra kenn lil ex-martu u t-tifel fid-dar tieghu meta dawn sfaw "*homeless*" u li dik l-okkupazzjoni kienet wahda temporanja sakemm isibu sistemazzjoni residenzjali alternattiva. Addizzjonalment, illi hu kien ilu joqghod fil-fond tieghu Farmhouse A, Vjal Santa Lucia, Paola b'effett mill-20 ta' Novembru, 2007;

Registrati dawn il-fatti, in mertu ghal kwestjoni dwar l-addebitu li l-appellanti ma kienx qed jifforma familja ghal rasu din il-Qorti jidhrilha konvenjenti li taghmel dawn ir-riljievi:-

1. Huwa inkontestat, anke ghaliex dan hekk jirrizulta minn kuntratt pubbliku, illi l-appellanti u martu sseparaw fil-11 ta' Gunju 1998. Hi allura l-kontenzjoni ta' l-appellanti illi dak l-addebitu rinfaccjat lilu mid-Direttur, akkolt mill-Arbitru, ma kienx konsistenti ghar-realta ghaliex l-okkupazzjoni minn martu u l-iben komuni fil-15 ta' Dicembru 2009 kienet sempliciment temporanja ghal dik ir-raguni minnu spjegata u mhux bi skop ta' konvivenza;

2. Fuq dan il-punt, il-Qorti jidhrilha li ghandha taccetta l-ispjegazzjoni supplita mill-appellanti, tant ghaliex ma jirrizultax li giet kontradetta, tant ghaliex ukoll, kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, mhux bizzejjed ghar-rikonciljazzjoni l-fatt li l-konjugi jergghu jabitaw flimkien;

3. Hekk jinsab ritenut fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla ta' l-4 ta' April, 1946 in re: "**Salvatore Cascun -vs- Carmela Cascun**", illi "l-ko-abitazjoni ma tfisserx il-fatt materjali ta' l-abitazzjoni komuni, imma l-fatt pjuttost

morali tar-ritorn ghall-hajja tal-familja b'mod li jkun hemm vera rikostruzzjoni tal-hajja konjugali u vera rikomposizzjoni ta' dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u interessi li tikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-hajja";

4. Mhux dan biss ghaliex inghad ukoll f'dak l-istess kuntest illi l-Qrati minn dejjem akkordaw id-debita importanza ghall-fattur tat-tul ta' zmien ghar-rijunjoni tal-mizzewgin. Ara "**Giuseppina Muscat -vs- Guglielmo Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Frar, 1902, "**Gioconda Cutajar -vs- Carmelo Cutajar**", Appell Civili, 10 ta' Mejju 1935 u "**Antonia Mifsud -vs- Alfonso Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju, 1954;

5. Kif diga rilevat minn imkien mill-atti probatorji ma jirrizulta xi indizju qawwi ta' rikonciljazzjoni vera u proprja u, konsegwentement, ma jistax ma jinghatax piz debitu lill-affermazzjoni ta' l-appellanti illi l-ko-abitazzjoni ta' martu kienet tabilhaqq wahda temporanja, f'liema kaz ma tezisti ebda rivivixxenza tal-hajja konjugali flimkien. Ara "**John Tabone -vs- Diretur tas-Servizzi Socjali**", Appell, 29 ta' Gunju, 1979;

Premess dan, sfortunatament ghall-appellanti l-gravam tieghu kontra d-decizjoni tad-Direttur u ta' l-Arbitru warajh xorta wahda jarena ruhu fuq l-iskoll tal-mis-informazzjoni ta' l-indirizz reali tieghu fil-waqt ta' l-applikazzjoni ghall-ghajnuna. Jekk wiehed joqghod ghat-termini tal-kuntratt ta' separazzoni hu indikattiv illi l-appellanti ma kienx baqa' jirrisjedi fil-fond 23 (gja Numru 17) Triq ic-Cimiterju, Paola, ghaliex f'dan il-post baqghet martu flimkien ma' l-ulied minuri. Fic-cert zgur, imbaghad, meta hu gie biex japplika ghall-assistenza fl-2007 l-imsemmi fond ma kienx ghadu fil-patrimonju tieghu gjaladarba kien inbiegh sena qabel (2006) lil terzi;

Il-konsegwenza li tinzel minn dan konstatat ghall-appellanti hi dik li hu ma kienx fidili ghal dawk li huma d-dettalji inseriti fl-applikazzjoni u li hu stqarr li kienu kollha minnhom. Alternattivament, li hu naqas li jgharraf lid-

Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bit-tibdil fic-cirkostanzi tieghu u dwar liema hu ressaq it-talba ghall-ghajnuna. F'din il-perspettiva l-Qorti ma tistax hlief tikkonferma d-decizjoni ta' l-Arbitru li cahad il-gravam ta' l-appellant devolut lilu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-Arbitru moghtija fis-16 ta' Gunju, 2010. L-ispejjez relattivi jibqghu, kif konswet, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------